

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tad-29 ta' Ġunju 2010 — Armitage-Wilson vs L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)**

(Kawża F-36/09) <sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Persunal ta' Europol — Nuqqas ta' tiġid ta' kuntratt — Kuntratt għal perijodu indefinit — Artikolu 6 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Europol — Prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difīza)*

(2010/C 288/128)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Kate Armitage-Wilson (La Haye, il-Pajjiżi Baxxi)  
[rappreżentant: W. J. Dammingh, avukat]

Konvenut: L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) [rappreżentanti: D. Neumann u D. El Khoury, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur u R. Van der Hout, avukati]

**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008 li tinforma lir-rikorrenti bl-impossibbiltà li jiġi offrut lilha impieg permanenti, kif ukoll tad-deċiżjoni tas-7 ta' Jannar 2009 li tiċħad l-ilment imressaq kontra l-ewwel deċiżjoni.

**Dispożittiv**

(1) *Id-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008 li permezz tagħha l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija rrifjuta li joffri kuntratt għal perijodu indefinit lil K. Armitage-Wilson hija annullata.*

(2) *L-Europol huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tad-29 ta' Ġunju 2010 — Doyle vs L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)**

(Kawża F-37/09) <sup>(1)</sup>

*("Servizz pubbliku — Persunal tal-Europol — Nuqqas ta' tiġid ta' kuntratt — Kuntratt għal żmien indeterminat — Artikolu 6 tar-Regolamenti tal-persunal li japplikaw għall-impiegati tal-Europol — Prinċipju tar-rispett tad-drittijiet ta' difīza")*

(2010/C 288/129)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Margaret Doyle (Noordwijkerhout, il-Pajjiżi l-Baxxi)  
(rappreżentanti: inizjalment minn P. De Casparis, avukat, sussewentement minn W. J. Dammingh u N. D. Dane, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) (rappreżentanti: D. Neumann u D. El Khoury, bħala aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur u R. Van der Hout, avukati)

**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008 li tinforma lir-rikorrenti bl-impossibbiltà li ssirilha offerta ta' impieg permanenti, kif ukoll tad-deċiżjoni tas-7 ta' Jannar 2009 li tiċħad l-ilment imressaq kontra l-ewwel deċiżjoni.

**Dispożittiv**

(1) *Id-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008 li permezz tagħha l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) rrifjuta li jagħti kuntratt għal żmien indeterminat lil M. Doyle hija annullata.*

(2) *Europol huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 167, 18.07.09 p. 26.

<sup>(1)</sup> ĠU C 167, 18.07.2009, p. 26.